MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 51/2010

**A B**
**vs**
**C D, E F, l-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri G D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li z-zwieg taghha mal-konvenut C D kien gie annullat fl-4 ta’ Novembru 2008; li hi kienet ilha separat minnu ghal diversi snin; li l-attrici kellha relazzjoni mal-konvenut E F u minnu kellha tarbija bl-isem G li twieldet fis-26 ta’ Lulju 2009; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara lill-konvenut E F bhala l-missier naturali tat-tarbija; u [2] tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid relattiv [numru 2580/09]; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha, wara li ssolleva tlett eccezzjonijiet preliminari ta’ natura procedurali u li hu sussegwentement irtira fit-30 ta’ Marzu 2011 in vista ta’ l-emenda fil-ligi, senjatament l-artikoli 77 sa 77D tal-Kap.16, irrefera ghall-artikoli 77, 81 u 68 ta’ l-istess Kap;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha, wara li ddikjaraw li ma kienux edotti bil-fatti tal-kaz, eccepew li “jidhrilhom li l-kawza ma tistax treggi billi kawza bhal din – reklam ta’ paternita’ – tmiss biss lill-minuri”;

Rat in-nota prezentata mill-konvenut C Dedouch li biha ammetta t-talbiet attrici;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut E F ma’ opponiex ghat-talba attrici, u ddikjara li t-tifla hija bintu naturali;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Paul Sultana u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali li t-tifla mwielda minnha fis-26 ta’ Lulju 2009 hija l-wild naturali tal-konvenut E F, u mhux tal-konvenut C D li mieghu kienet mizzewga; qed titlob ukoll li l-att tat-twelid tat-tifla jigi korrett f’ dan is-sens.

Illi mill-provi jirrizulta provat li hija kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut E F, u minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla G fis-26 ta’ Lulju 2009.

Illi gie konfermat xjentifikament li din it-tifla hija l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut F.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu miluqgha.

Illi rigward l-eccezzjoni tal-kuraturi deputati l-Qorti tosserva li din giet sorvolata bl-emendi fil-Kodici Civili li dahhlu fis-sehh permezz ta' l-Avviz Legali 11/11, senjatament l-artikolu 77B u ghalhekk ser jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, previa rigett ta' l-eccezzjonijiet sollevati, tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla G li twieldet fis-26 ta' Lulju 2009 hija l-wild naturali tal-konvenut E F, u mhux tal-konvenut C D; u wkoll tordna l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 2580/09 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati konguntivament mill-attrici u mill-konvenut E F fi kwoti ndaqs bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------